MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' April, 2005

Avviz Numru. 380/2004

**Simonds Farsons Cisk p. l. c. (C 113)**

**vs**

**Bettaieb Hedi**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tliet mija u erbatax-il lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm2,314.18), rapprezentanti valur ta' prodotti mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici favur il-konvenut.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-5 ta’ April, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------